**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Louis Mercieca iben il-mejjet George u Maria xebba Grech li joqghod 123, Triq Frangisk u Rosa Camilleri, Kercem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 24571 (G)**

Illum 17 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar fl-20 ta' Gunju 2000 ghall-habta ta' 12:15 p.m. fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex (1) saq mutur Nru FBC 782 b'manjiera traskurata u perikoluza , (2) aktar tall naqas jieqaf fuq is-sinjal tat-traffiku meta l-istess sinjal jindika 'Stop', (3) aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura Nru AAP 376 u kkagunalha hsarat ghad-detriment ta' Francis Magro mix-Xewkija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mil-Ligi tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhirlha xieraq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi minn dak li semghet il-Qorti jirrizulta illi dan l-incident mertu tal-kawza sehh fi Triq Mgarr, Ghajsielem bejn vettura misjuqa minn Christopher Magro u mutur misjuq mill-imputat. L-imputat kien qieghed fuq Stop Sign meta f'xi hin hareg minn fuq din il-pozizzjoni u b'hekk gie fuq il-main road li hija telgha.

Huwa minnu kif qalet id-difiza illi l-Istop Sign qieghed hemm biex tieqaf fuqu, tesplora t-triq u tohrog meta kollox ikun sewwa u li dan mhux qieghed hemm biex tieqaf fuqu b'mod li ma tohrog qatt. Mid-dinamika ta' l-incident izda, jirrizulta illi l-imputat ma waqafx fuq dan l-Istop Sign. Dan jirrizulta mill-fatt li kien hu li habat mall-vettura misjuqa minn Magro u mhux ittajjar minn Magro. L-imputat naqas illi jieqaf u jespolora t-triq. Il-vettura ta' Magro zgur li ma gietx mix-xejn u l-imputat naqas illi jesplora t-triq sewwa, baqa' hiereg minn fuq Stop Sign u kkawza l-incident kollu.

Ghal dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a), 2 u 18 tal-Kap 65 u Avviz Legali 94/69 u 328 (d) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur